MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2007

Numru 1532/2007

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit u Sp Stephen Gatt)
vs
Diandra Abdullah, bint Geranzio Micallef, imwielda l-Pieta' fl-10 ta' mejju, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fl-10 ta' diċembru, 2007, għal ħabta tat-3.15 a.m. flimkien ma persuni oħra, ikkomettiet serq mill-pompa tal-petrol Paul & Rocco, sitwata fi Triq l-Imsida, Gżira liema delitt hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin (LM1,000) u bil-ħin għad-dannu ta' Victor Buhagiar u ta' Paul & Rocco Gżira Limited.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ diċembru, 2007 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta ta’ l-imputata. Tikkundannaha għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata li tħallas is-somma ta’ mitejn liri maltin (Lm200) lis-soċjeta’ Paul & Roco Gżira Limited fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------